NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

Nru. 850

ATT TA' L-1992 DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (ATT NRU. I TA' L-1992)

Avviż bis-saħħa tar-Regolament 3(2)(b) ta' l-Ordni ta' l-1993 dwar Reklami (Regolament)

KULL min kellu mwaħħal *Billboard* fl-10 ta' Diċembru, 1993, hu mitlub jagħti kopja tal-permess, liċenzja jew awtorità oħra li qed tawtorizza din il-wirja lill-Awtorità ta' l-Ippjanar sat-28 ta' Frar, 1994. Il-Formola Adv 2 li tista' tingabar mill-uffiċċini ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar, f'St. Francis Ravelin, il-Furjana, għandha tiġi użata għal dan l-iskop.

Dan l-avviż ma jgħoddx għal *fascia signs* murija fil-ħwienet u bini kummerċjali ieħor.

Is-27 ta' Diċembru, 1993

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (6) tar-regolament 29 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali qiegħda tiġi hawnhekk ippubblikata bħala Skeda li tinsab ma' dan l-avviż lista bl-ismijiet ta' l-Assistenti Kummissjonarji Elettorali li jattendu biex jissorveljaw il-votazzjoni f'kull kamra ta' votazzjoni speċifikata fl-Iskeda.

Lista ta' Assistenti Kummissjonarji Elettorali sostituti hija wkoll ippubblikata fl-Iskeda.

C. VELLA
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjonarji Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Is-27 ta' Diċembru, 1993

GOVERNMENT NOTICE

No. 850

DEVELOPMENT PLANNING ACT, 1992 (ACT NO. I OF 1992)

Notice under Regulation 3(2)(b) of the Advertisements (Regulation) Order, 1993

Any person displaying a Billboard on 10th December, 1993, is hereby required to forward to the Planning Authority a copy of the permit, licence or other authority authorising such display by the 28th February, 1994. Form Adv 2, which is available from the offices of the Planning Authority at St Francis Ravelin, Floriana, should be utilised for this purpose.

This notice does not apply to fascia signs displayed on shops and other commercial premises.

27th December, 1993

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

In accordance with the provisions of sub-section (6) of regulation 29 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, there is hereby published as a Schedule to this notice a list containing the names of the Assistant Electoral Commissioners who will be in attendance to supervise the poll at each polling booth specified in the Schedule.

A list of substitute Assistant Electoral Commissioners is also published in the Schedule.

C. VELLA
Chief Electoral Commissioner

Electoral Commissioners' Office,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

27th December, 1993